

Brussell, 6 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9953/25

TELECOM 180
CYBER 160
COMPET 496
MI 361
PROCIV 66

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7929/25	
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar konnettività affidabbli u reżiljenti - Konklużjonijiet tal-Kunsill (6 ta' Ġunju 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar konnettività affidabbli u reżiljenti, kif approvati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ġunju 2025.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar konnettività affidabbli u reżiljenti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- Fid-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi,
- Fid-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2),
- Fid-Direttiva (UE) 2022/2557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE,
- Fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-aġġornament tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha "Strateġija mtejbja għas-Sigurtà Marittima kontra theddidiet marittimi li qegħdin jevolvu" tal-10 ta' Marzu 2023,
- Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2023 dwar l-Istrateġija Riveduta dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE (EUMSS) u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha,
- Fir-Rapport ta' Letta "Much more than a market – Speed, Security, Solidarity. Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens" tas-17 ta' April 2024,
- Fir-Rapport ta' Draghi "The future of European competitiveness" tad-9 ta' Settembru 2024,
- Fir-Rapport ta' Niinistö "Safer Together: Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness" tat-30 ta' Ottubru 2024,
- Fir-Rapport tal-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju "6G Strategic vision" tat-12 ta' Frar 2025,
- Fil-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils" tal-21 ta' Frar 2025,

FILWAQT LI JIBNI FUQ:

- Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?" tal-21 ta' Frar 2024,
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2024 dwar Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini,
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2024 dwar "Il-Futur tal-Politika Diġitali tal-UE",
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2024 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?",

Qafas ġenerali

1. JINNOTA li l-infrastruttura tal-konnettività tal-UE qed tiffaċċa sfidi ġodda u bla preċedent li jirriżultaw minn sitwazzjoni ġeopolitika dejjem aktar kumplessa, kif enfasizzat mill-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, kif ukoll mill-ġhadd dejjem jikber ta' attacchi fiżiċi, ċibernetiċi u ibridi u okkorrenzi ta' diżastri naturali minħabba t-tibdil fil-klima globali. JENFASIZZA li t-theddid għall-infrastruttura tal-konnettività għandu implikazzjonijiet ġeopolitiċi estensivi fuq il-politika barranija tal-UE kif ukoll fuq l-ambjent ġenerali tas-sigurtà tal-UE.

2. JAGĦRAF li dawn il-pressjonijiet jesponu l-vulnerabbiltajiet tan-networks terrestri u mhux terrestri, u tal-kejbils sottomarini, u b'hekk jeħtieġu definizzjoni mill-ġdid tal-approċċ strateġiku tal-UE għall-iżvilupp tan-network tal-komunikazzjoni fid-dawl tad-dipendenza kritika tas-soċjetà u l-ekonomija tagħna fuq il-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-infrastruttura diġitali, biex jiġu ssalvagwardjati s-sovranià diġitali u l-prosperità ekonomika tal-UE b'mod miftuħ, b'attenzjoni partikolari għat-tmexxija teknoloġika u r-reżiljenza ekonomika.

3. JISĦAQ li approċċ komprensiv għall-iżvilupp ta' infrastruttura tan-network affidabbli u reżiljenti huwa essenzjali biex jiġu indirizzati sfidi ġodda relatati ma' diżastri naturali aktar frekwenti, inċidenti dannużi, attacchi ċibernetiċi u theddid ġeopolitiku relatat. Dan l-approċċ għandu jitqies u jiġi integrat fir-reviżjoni possibbli tal-qafas legali eżistenti mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà unika tal-Istati Membri għas-sigurtà nazzjonali.

4. JIRRIKONOXXI li l-biċċa l-kbira tat-traffiku tal-internet interkontinentali u partijiet mit-traffiku tal-internet intra-Ewropew jgħaddi minn infrastrutturi tal-kejbils sottomarini, li jiffurmaw network ewlieni kritiku, li jinsabu dejjem aktar friskju, kif deher b'diversi inċidenti b'mod partikolari fil-Baħar Baltiku. JILQA' f'dan ir-rigward il-miżuri fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini" u JAQBEL dwar l-importanza ta' livell ogħla ta' reżiljenza u integrazzjoni teknika tal-kanali ta' komunikazzjoni kollha - terrestri, mhux terrestri u, b'mod importanti, dawk sottomarini - bħala prekondizzjoni għal komunikazzjonijiet affidabbli, reżiljenti u siguri, kif iddikjarat fil-White Paper tal-Kummissjoni dwar "Kif nistgħu nissodisfaw il-ħtiġijiet tal-infrastruttura diġitali tal-Ewropa?".

5. Jinnota l-viżjoni tan-Network tal-Computing Kollaborattiv Konness ("Network 3C") li tinsab fil-White Paper tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq, li hija ta' importanza strateġika biex tiġi ssalvagwardjata u avvanzata s-sovranià diġitali tal-UE b'mod miftuħ u tista' ttejjeb l-innovazzjonijiet Ewropej filwaqt li ssaħħaħ ekosistema ta' konnettività u kapaċità komputazzjonali b'appoġġ għad-data u l-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-IA.

6. IFFAKKAR li konnettività affidabbli u reżiljenti permezz tal-integrazzjoni teknika ta' tipi differenti ta' networks u d-diversifikazzjoni rriżultat bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin, li tirrikjedi networks b'diversi saffi, interoperabbli u b'kapaċità żejda. JINNOTA l-ħtieġa li jittaffa t-tfixkil fil-komunikazzjoni billi tittejjeb ir-ridondanza fiżika u ġeografika tan-networks kif ukoll tal-provvista tal-enerġija għall-infrastruttura tal-konnettività għan-networks ewlenin kollha. JIRRIKONOXXI l-importanza tad-diversifikazzjoni tal-infrastruttura, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

7. JAPPELLA għall-istabbiliment ta' approċċ strateġiku għal konnettività affidabbli u reżiljenti li jqis it-teknoloġiji attwali u emerġenti, speċjalment l-IA, is-6G u l-komunikazzjonijiet kwantistiċi, b'enfasi fuq il-konverġenza ta' diversi elementi tan-network bħal dawk fissi, mobbli u satellitari (u elementi oħra mhux terrestri) f'ekosistema diġitali Ewropea koeżiva u suq Ewropew koeżiv għall-kumpaniji ta' kull daqs.

8. JINNOTA li dan l-approċċ strateġiku għandu jqis il-konverġenza ta' tipi differenti ta' networks - inkluż kejbils terrestri, mhux terrestri u sottomarini - filwaqt li jqis diversi mudelli ta' negozju u xejriet attwali, u b'hekk irawwem konnettività kullimkien u bla xkiel madwar l-Ewropa, isaħħaħ il-kompetittività u jsaħħaħ is-Suq Uniku Ewropew.

9. JENFASIZZA li l-konverġenza ta' tipi differenti ta' networks li jipprovdu aċċess tippreżenta opportunità biex jittieħed vantaġġ mill-punti b'saħħithom ta' teknoloġiji differenti u jiġu kkombinati l-aħjar karatteristiċi tagħhom, iżda l-indirizzar tal-isfidi taċ-ċibersigurtà għandu jibqa' wkoll punt fokali ewlieni.

10. JAPPELLA għall-koordinazzjoni ma' riċerka u inizjattivi ta' pilotaġġ li għaddejjin dwar il-konnettività, bħall-Impriża Konġunta Networks u Servizi Intelliġenti, kif ukoll ma' proġetti rilevanti oħra ta' infrastruttura tal-konnettività appoġġati minn fondi tal-UE bħal Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (Qasam diġitali tal-FNE2), inkluż kejbils sottomarini, infrastrutturi ta' konnettività ewlenin, kapaċitajiet ta' rkupru u tiswija permezz tal-ingranaġġ tal-kapaċitajiet eżistenti ta' bastimenti tal-kejbils, u t-titjib ta' dawn il-kapaċitajiet, kif ukoll proġetti pilota fuq skala kbira għal proġetti tan-Network 3C. JISĦAQ fuq l-importanza ta' programmi ta' finanzjament possibbli li jistgħu jikkontribwixxu għall-prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni.

11. JIRRIKONOXXI l-importanza kritika tal-kooperazzjoni internazzjonali fit-titjib tar-reżiljenza u l-affidabbiltà tal-infrastruttura diġitali dinjija filwaqt li jippromwovi approċċ għat-trasformazzjoni diġitali b'diversi partijiet ikkonċernati, iċċentrat fuq il-bniedem u bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu appoġġati l-pajjiżi kandidati tal-UE u pajjiżi sħab oħra permezz tal-pjattaformi u l-inizjattivi tal-UE eżistenti, bħall-Global Gateway, u fi ħdan il-fora internazzjonali rilevanti bħall-UIT, billi jiġu pprovduti fost l-oħrajn assistenza teknika, tisħiħ tal-kapaċitajiet u appoġġ finanzjarju, filwaqt li ssir kollaborazzjoni ma' pajjiżi sħab biex titfittex konverġenza dwar approċċi politiċi u eżempji regolatorji u normattivi, u li jiġu promossi soluzzjonijiet Ewropej.

Reżiljenza permezz tad-diversifikazzjoni u l-interoperabbiltà tat-tipi ta' networks

12. JENFASIZZA li konnettività affidabbli u reżiljenti tista' tittejjeb permezz ta' diversifikazzjoni tat-tipi ta' networks billi tiddependi fuq mezzi ta' komunikazzjoni terrestri u mhux terrestri b'diversi saffi u interoperabbli appoġġati minn infrastruttura ewlenija robusta, kif ukoll valutazzjonijiet tar-riskju u prattiki tajbin dwar miżuri ta' mitigazzjoni f'konformità mad-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (NIS2) u d-Direttiva dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER).

13. JAGĦRAF li l-iżvilupp rapidu ta' sistemi ta' komunikazzjoni bis-satellita, inkluż networks b'kostellazzjonijiet multipli, li għadd kbir minnhom huma operati u żviluppati minn atturi mhux tal-UE, ipoġġi pressjoni fuq l-aċċess għall-orbiti u għall-ispettru tad-Dinja. JIRRIKONOXXI fl-istess ħin ir-rwoli komplementari tas-sistemi ta' komunikazzjoni bis-satellita u mezzi oħra mhux terrestri, għad-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni ta' servizz ta' komunikazzjoni, b'mod partikolari għal reġjuni remoti u mhux moqdija biżżejjed, li jipprovdu ridondanza kritika u reżiljenza kontra tfixkil ibbażat fuq l-art, li huma partikolarment importanti għall-forniment ta' servizzi ta' sikurezza u ta' għajjnuna f'każ ta' diżastru fiċ-ċirkostanzi kollha.

14. JENFASIZZA l-importanza strateġika ta' IRIS² - li ser tintegra l-EURO QCI - biex jiġu indirizzati l-isfidi fit-tul fis-sigurtà, is-sikurezza u r-reżiljenza tal-komunikazzjonijiet bis-satellita. Jisħaq fuq ir-rwol tal-IRIS² biex tinfed il-bażi teknoloġika u industrijali tal-komunikazzjoni bis-satellita Ewropea eżistenti, tnaqqas id-distakki fil-konnettività madwar l-Unjoni u ttejjeb l-indipendenza tal-UE minn fornituri mhux Ewropej għas-servizzi ta' komunikazzjoni - b'mod partikolari dawk siguri - u tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranità diġitali tal-Unjoni b'mod miftuħ. JENFASIZZA għalhekk il-ħtieġa għal introduzzjoni f'waqtha tal-IRIS², li tikkomplementa u tintegra l-komponent tal-programm spazjali GOVSATCOM, b'konsistenza mal-oqfsa regolatorji internazzjonali u nazzjonali biex jiġu pprovduti servizzi ta' komunikazzjoni reżiljenti għall-utenti governattivi u l-utenti kummerċjali.

15. JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti, sikur, affidabbli, reżiljenti u sigur għal orbiti dinjija ġeostazzjonarji, medji u baxxi u għall-kapaċità tal-ispettru tar-radju li jiddependu fuq l-applikazzjoni tar-regoli definiti fir-Regolamenti tar-Radju tal-UIT. JISĦAQ li, sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi kollha, l-istabbiliment ta' rekwiżiti komuni possibbli għal kostellazzjonijiet satellitari li jaċċessaw is-swieq nazzjonali u tal-UE, inkluż dawk irreġistrati taħt oqfsa regolatorji barra mill-UE, għandu jkun ibbażat fuq l-eżitu tad-diskussjoni li għaddejja fil-Grupp għall-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju (RSPG). JAGĦRAF l-evoluzzjoni li għaddejja lejn teknoloġiji mobbli u satellitari konverġenti inkluż l-istandardizzazzjoni reċenti tal-5G u l-iżvilupp tas-6G, li tiżgura d-disponibbiltà bla xkiel tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika irrispettivament mill-post, filwaqt li tappoġġa l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' innovazzjoni Ewropej u l-kompetizzjoni fl-UE għall-benefiċċju tal-utenti finali.

16. JIRRIKONOXXI wkoll il-potenzjal trasformattiv ta' servizzi satellitari komplementari Diretti għall-Apparati (D2D), li jestendu lil hinn mill-applikazzjonijiet tal-ismartphones tal-konsumaturi, biex jiġu indirizzati s-swieq vertikali relatati mal-mobbiltà bħas-setturi tat-trasport, ajrunawtiċi u marittimi. JINNOTA r-rwol kritiku li s-servizzi D2D jista' jkollhom fit-titjib tas-servizzi pubbliċi, inkluż il-protezzjoni ċivili, b'benefiċċji estensivi f'diversi oqsma. JAGĦRAF li aktar konverġenza tat-teknoloġiji satellitari u mobbli għandha l-potenzjal li tixpruna t-tkabbir soċjoekonomiku, ittejjeb ir-reżiljenza tan-network, tnaqqas id-distakki diġitali u tindirizza l-isfidi tal-konnettività dinjija. JAPPELLA għall-integrazzjoni bikrija tas-servizzi D2D fis-sistema ta' komunikazzjoni dinjija IRIS² sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

17. JISSOTTOLINJA l-isfida dejjem tikber li ġejja mid-disturbazzjoni u l-ispoofing intenzjonali tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) li għandhom impatt fuq firxa wiesgħa ta' infrastruttura u servizzi kritiċi. JIRRIKONOXXI l-ħidma tat-Task Force dwar l-Interferenza tal-GNSS tal-UE. JAPPELLA għal sforz koordinat tal-UE biex jiġi stabbilit mekkaniżmu robust għall-ġestjoni tal-informazzjoni relatata mat-tfixkil tal-GNSS, li jiżgura rapportar f'waqtu, kondivizzjoni tad-data fil-limiti tar-rekwiżiti tas-sigurtà nazzjonali u l-kompetenzi tal-Istati Membri, kif ukoll miżuri ta' rispons koordinat fl-Istati Membri kollha. JISSOTTOLINJA li s-sinkronizzazzjoni preċiża tal-ħin ipprovduta mill-GNSS hija essenzjali għal ħafna entitajiet kritiċi u industrijiet strateġiċi, inkluż l-avjazzjoni, il-finanzi u l-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll l-enerġija, it-trasport u l-kummerċ, u għalhekk kwalunkwe tip ta' tfixkil għal dawn is-sistemi jista' jkollu konsegwenzi ekonomiċi u soċjetali estensivi. JAPPELLA għal azzjonijiet li jipprovdu soluzzjonijiet alternattivi għall-funzjonalità kontinwa pprovduta mill-GNSS.

18. JINNOTA li l-investimenti f'teknoloġiji sostenibbli bħall-provvista tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija u l-kejl intelliġenti jikkontribwixxu mhux biss għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju iżda wkoll għat-tisħiħ tar-reżiljenza tal-infrastruttura tal-konnettività, filwaqt li jiżguraw aċċess mingħajr interruzzjoni għal sors ta' enerġija f'mument ta' emerġenza.

19. JAPPELLA għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti strateġiċi biex jissaħħu l-protezzjoni u r-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali, b'enfasi partikolari fuq kejbils kritiċi għan-networks ewlenin, biex jiġu protetti l-interessi strateġiċi vitali tal-UE fl-Oċean Atlantiku u fil-Baħar Baltiku, fil-Baħar l-Iswed, fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar tat-Tramuntana, fir-reġjun tal-Artiku, kif ukoll fir-reġjuni ultraperiferiċi. JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti għal appoġġ komprensiv għall-infrastruttura tal-kejbils sottomarini, kif imsemmi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils, inkluż il-prevenzjoni tat-theddid, id-detezzjoni tar-riskji, ir-rispons rapidu għall-inċidenti, id-deterrenza, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' rkupru u tiswija permezz tal-ingranaġġ tal-kapaċitajiet eżistenti tal-bastimenti tal-kejbils, u t-titjib tagħhom, abbażi tal-ħidma tal-Grupp informali ta' Esperti dwar l-Infrastruttura tal-Kejbils Sottomarini, f'koordinazzjoni mal-Grupp dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER) u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' żieda fil-kapaċitajiet sabiex ikun hemm irkupru minn inċidenti mhux intenzjonati jew sabotaġġ. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi żgurata r-ridondanza tal-konnessjonijiet tal-fibra ottika terrestri transfruntieri u l-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini fl-Ewropa, għall-konnettività dinjija. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li ssir ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri skont ir-regoli eżistenti għall-implimentazzjoni ta' miżuri mill-Pjan ta' Azzjoni tal-UE.

20. JIRRIKONOXXI l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa dwar it-trawwim tar-reżiljenza bħal fil-qafas tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2023/C 20/01 dwar approċċ ikkoordinat mal-Unjoni kollha biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura kritika u r-Rapport tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS dwar iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi u n-networks tal-komunikazzjoni tal-Ewropa bħala segwitu għas-Sejħa ta' Nevers tad-9 ta' Marzu 2022.

21. JISSOTTOLINJA l-importanza kritika taċ-ċibersigurtà fl-iżvilupp ta' infrastruttura ta' konnettività affidabbli u reżiljenti, kif ukoll fl-iżvilupp ta' sigurtà li tnaqqas ir-riskji tal-interdipendenzi teknoloġiċi u kummerċjali. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-valutazzjonijiet tar-riskju biex jitnaqqsu r-riskji u d-dipendenzi għas-sigurtà, kif ukoll tal-użu ta' fornituri fdati meta jiġu installati networks ta' komunikazzjoni. JISSOTTOLINJA l-importanza tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttivi NIS 2 u CER biex jiġi żgurat li l-infrastrutturi diġitali u s-servizzi essenzjali jkunu siguri. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li jittaffew ir-riskji assoċjati mas-sigurtà tal-katina tal-provvista għat-tipi kollha ta' networks u sistemi ta' informazzjoni u l-ħtieġa għall-adozzjoni rapida ta' sett ta' għodod ta' miżuri għat-tnaqqis tar-riskji tal-katina tal-provvista kritika tal-ICT. F'dan il-kuntest, JAPPELLA biex titħaffef l-implimentazzjoni sħiħa tas-sett ta' għodod għaċ-ċibersigurtà tal-5G, kif ukoll il-miżuri dwar is-sigurtà tal-katina tal-provvista f'konformità mad-Direttivi NIS 2 u CER, b'mod partikolari l-valutazzjoni tar-riskju għas-sigurtà kkoordinata fil-livell tal-Unjoni tal-ktajjen tal-provvista kritiċi msemmija hawn fuq u JINKORAĠĠIXXI d-diskussjonijiet dwar approċċ aktar armonizzat biex jiġi indirizzat it-theddid emerġenti għaċ-ċibersigurtà fil-komunikazzjoni elettronika.

22. JIRRIKONOXXI l-importanza strateġika li jiġu żviluppati networks ta' komunikazzjoni reżiljenti teknikament integrati Ewropej li jiżguraw kopertura kullimkien u li jimmassimizzaw ir-reżiljenza fid-diversi elementi tagħhom permezz tad-diversifikazzjoni u r-ridondanza tat-tipi ta' networks. JENFASIZZA li l-iżvilupp ta' tali networks għandu jqis l-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri u jkun xprunat mid-dinamika tas-suq akkumpanjata minn appoġġ immirat tal-UE, inkluż permezz ta' linji gwida u finanzjament għal proġetti strateġiċi ta' konnettività.

Suq uniku għal konnettività affidabbli u reżiljenti

23. JAGĦRAF li infrastruttura ta' konnettività affidabbli u reżiljenti tikkostitwixxi s-sinsla u element kostitwenti fundamentali tas-Suq Uniku, li huwa mutur ewlieni għall-kompetittività u l-innovazzjoni tal-UE, filwaqt li tippożizzjona lill-Unjoni bħala mexxejja dinjija fl-ekonomija diġitali, filwaqt li ssaħħaħ is-sovranià diġitali tagħha b'mod miftuħ.

24. JISSOTTOLINJA li s-Suq Uniku għall-komunikazzjoni elettronika għandu jiġi approfondit permezz ta' aktar armonizzazzjoni fejn meħtieġ, u konnettività transfruntiera mtejba, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-mudelli ta' negozju differenti tal-fornituri tas-servizzi, iċ-ċirkostanzi reġjonali u l-kompetenza nazzjonali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' regoli armonizzati. JENFASIZZA li t-titjib tas-Suq Uniku għall-komunikazzjoni elettronika ser isaħħaħ il-kompetittività u s-sovranià diġitali tal-Unjoni b'mod miftuħ, kif ukoll jikkontribwixxi għal kopertura kullimkien minn networks affidabbli u reżiljenti, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negozji tal-UE.

25. JINNOTA li t-trawwim ta' networks ta' komunikazzjoni Ewropej teknikament integrati u reżiljenti jista' jiftaħ possibbiltajiet ġodda tas-suq fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika, kif ukoll orizzontalment fl-ekonomija diġitali, filwaqt li jsaħħaħ il-kompetittività globali tal-Unjoni billi jixpruna l-innovazzjoni teknoloġika.

26. JISSOTTOLINJA li l-ispettru tar-radju għandu rwol ewlieni għall-benefiċċju tas-Suq Uniku, l-ekonomija tal-UE u s-soċjetà tal-UE kollha kemm hi. JISĦAQ li l-użu effiċjenti u kkoordinat tal-ispettru tar-radju jappoġġa l-politiki tal-UE, filwaqt li jimmassimizza l-valur tas-soċjetà, u jservi biex jintlaħaq l-oġettiv tat-titjib tas-Suq Uniku. JINKORAĠĠIXXI l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet tal-ispettru, inkluż baned bħala kandidati xierqa għall-introduzzjoni tas-6G, abbażi tar-rekwiżiti ta' kopertura u kapacià għall-każijiet ta' użu tan-networks terrestri u mhux terrestri.

27. JAGĦRAF il-mudell Ewropew li rnexxa tal-armonizzazzjoni gradwali tal-ispettru u r-rwol tal-UIT fil-ġestjoni tal-ispettru tar-radju. JISTIEDEN lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-mekkaniżmu ta' appoġġ fil-livell tal-UE għall-Istati Membri li ser jipprovdi qafas kostruttiv li jippermetti lill-Istati Membri jirrispondu għal każijiet ta' interferenzi transfruntieri fl-UE u ma' pajjiżi terzi, mhux limitati għal kwistjonijiet purament tekniċi.

28. JINKORAĠĠIXXI l-użu u l-iżvilupp ulterjuri ta' standards li jibqgħu validi fil-futur, siguri u affidabbli bħala linja bażi għall-iżviluppi teknoloġiċi, filwaqt li tinżamm is-sovranità diġitali tal-UE b'mod miftuħ, u jiġu xprunati l-innovazzjoni u l-koeżjoni tas-settur tal-komunikazzjoni elettronika tal-UE. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri biex isaħħu l-approċċ ta' Tim Ewropa f'fora internazzjonali billi jipparteċipaw b'mod attiv fi proċessi ta' ffissar ta' standards globali, jippromwovu standards żviluppati fl-Ewropa bbażati fuq valuri fundamentali kondiviżi mill-UE bħad-drittijiet tal-bniedem, u jiżguraw strateġija Ewropea kkoordinata għall-infrastruttura diġitali li tinkludi s-saffi kollha ta' komunikazzjoni.

29. JAPPELLA għal livell oġġla ta' reżiljenza permezz tad-diversifikazzjoni u konnettività bla xkiel u kullimkien billi jkomplu jiġu żviluppati networks ta' komunikazzjoni Ewropej teknikament integrati u reżiljenti f'approċċ b'diversi livelli li jinkludi fost l-oħrajn: attivitajiet ta' standardizzazzjoni, strumenti finanzjarji mmirati possibbli li jappoġġaw l-iżvilupp ta' tali networks, u linji gwida li jiffaċilitaw l-implimentazzjoni mmexxija mis-suq.

30. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tirrapporta lura lill-Kunsill dwar żviluppi sinifikanti rigward networks ta' komunikazzjoni Ewropej teknikament integrati u reżiljenti. Dan għandu jikkontribwixxi għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-monitoraġġ tal-progress fil-kisba ta' konnettività mingħajr xkiel u kullimkien.

31. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tibni fuq il-ħidma tal-Grupp informali ta' Esperti dwar l-Infrastruttura tal-Kejbils Sottomarini fi ħdan l-approċċ ta' politika strateġika stabbilit fir-Rakkomandazzjoni dwar Infrastrutturi Siguri u Reżiljenti tal-Kejbils Sottomarini kif ukoll fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils, u tirrifletti dwar proposti konkreti biex tippromwovi aktar l-affidabbiltà u r-reżiljenza ta' dawn l-infrastrutturi bħala parti kruċjali tan-networks ta' komunikazzjoni Ewropej ibbażati fuq il-ħidma tal-Grupp dwar ir-Reżiljenza tal-Entitajiet Kritiċi (CER) u l-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, u l-Grupp informali ta' Esperti dwar l-Infrastruttura tal-Kejbils Sottomarini, filwaqt li jfakkar li s-sigurtà nazzjonali hija r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri.

32. JIRRIKONOXXI li konnettività kontinwa u mingħajr interruzzjoni hija essenzjali għal Unjoni sigura u li tiffunzjona tajjeb. IQIS id-diżastri naturali aktar frekwenti u theddid ieħor, li jagħmlu r-ridondanza tal-provvista tal-enerġija għan-networks sfida urġenti. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tanalizza u tipproponi miżuri xierqa, inkluż appoġġ finanzjarju mingħajr ma tantiċipa n-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

33. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà ta' inizjattiva kkoordinata għall-ippjanar u l-iżvilupp ta' network affidabbli u reżiljenti ta' infrastrutturi u kapaċitajiet diġitali, li jinkludi networks terrestri, sottomarini u satellitari ewlenin, madwar l-Unjoni u ma' pajjiżi sħab internazzjonali, pereżempju billi jintuża l-qafas tan-Networks Trans-Ewropej u jiġi stabbilit strument TEN-D (Networks Trans-Ewropej - Diġitali). JILQA' l-approċċ tal-Kummissjoni għall-Inizjattiva dwar il-Konnettività tal-Artiku kif ukoll l-isforzi li għaddejjin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali tar-reġjuni marittimi tal-UE. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu definiti u segwiti kriterji ċari, integrati u tanġibbli, filwaqt li titqies ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2024/779, meta jiġu vvalutati Proġetti ta' Kejbils ta' Interess Ewropew (CPEIs), jittejbu s-sigurtà u r-reżiljenza u jiġu promossi sħubijiet internazzjonali.

34. JINTRABAT li jimmonitorja u jadatta kontinwament l-approċċ strateġiku tal-UE għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni biex jindirizza l-isfidi teknoloġiċi, ġeopolitiċi u ambjentali emerġenti, filwaqt li jiżgura konnettività affidabbli u reżiljenti madwar l-Unjoni.
